MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1051/2010

**Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**
**Nazzareno Delceppo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Nazzareno Delceppo iben Joseph u Josephine nee’ Garzia mwieled Cospicua fil-11 ta’ Dicembru 1955 u residenti 31, Anchor Song, Triq il-Konvoj ta’ Sta Maria, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 3156(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-8 ta’ Settembru 2009 ghall-habta ta’ 15.00hrs gewwa Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar, saq vettura b’Nru: IBD 183;

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku, habat ma mutur b’Nru GBC 317 u

nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Cauchi skond kif iccertifikat Dr. Agnes Cachia Pickard MD mill-MDH

2. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) bla kont.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghal-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 15 ta' Frar 2012 (esebita a fol. 85 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;
(a) fl-artikolu 226(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta' April 2012, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fit-8 ta' Settembru 2009 ghall-habta ta' 15.00hrs gewwa Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBD 183 misjuqa mill-imputat Nazzareno Delceppo u l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni GBC 317 misjuq minn Alfred Cauchi fejn dan tal-ahhar spicca sabiex sofra griehi ta' natura gravi per durata bhala konsegwenza ta' dan l-incident skond ma' jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Mr.

Raymond Gatt[1] minn fejn jirrizulta li Alfred Cauchi sofra disabilita' permanenti ta' 5% u liema certifikat mediku ma' giex kontestat mid-Difiza[2].

Il-parti civili Alfred Cauchi xehed waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2010 fejn huwa spjega li fid-data lok u hin indikati aktar 'il fuq huwa kien ghaddej bil-mutur tieghu fi Triq is-Santwarju li hija *One Way* u kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Huwa spjega li malli wasal vicin fl-inkrocju ma' Triq Santa Tereza ra l-vettura misjuqa mill-imputat wieqfa fuq l-Istop Sign li hemm fit-tarf tat-triq li kien hiereg minnha l-imputat u Cauchi jghid li bhala prekawzjoni huwa daqqlu l-horn izda malli wasal biswit tieghu l-imputat saq u baqa' diehel fil-gemb tax-xellug tal-mutur u fuq saqajh u l-mutur tkaxkar ftit u huwa waqa' mal-art. Cauchi jghid li kien qed isuq b'velocita' ta' madwar 20 mil fis-siegha u spjega li l-mutur tieghu huwa wiehed zghir hafna.

L-imputat li ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[3] sostna li huwa waqaf fuq l-Istop Sign li hemm fit-tarf ta' Triq Santa Tereza, hares lejn il-lemin sabiex jara humiex gejjin vetturi fi Triq is-Santwarju u meta ra li ma kien gej xejn hareg u kif kien qed jidritta l-vettura tieghu gie milqut fil-mudguard ta' quddiem mill-mutur misjuq minn Alfred Cauchi. Huwa qal li kellu vizwali ta' madwar mitt metru mid-direzzjoni minn fejn kien gej Cauchi izda ma kienx rah qabel l-impatt.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-iskizz inserit a fol. 9 tal-process jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li Triq is-Santwarju hija t-triq principali fil-konfronti ta' Triq Santa Tereza. Dan ifisser li Alfred Cauchi kien il-main road user u kellu d-dritta u jfisser ukoll li l-imputat kellu l-obbligu li jesplora t-triq u jaccerta ruhu li ma kienux gejjin vetturi qabel ma ttenta johrog ghal fuq Triq is-Santwarju. Ex admissis l-imputat jghid li huwa ma rax il-mutur misjuq minn Cauchi qabel ma' sehh l-impatt u dan jindika b'mod lampanti li l-imputat

[1] Inserit a fol. 10 sa 13 tal-atti processwali
[2] Ara verbal tal-udjenza tad-19 ta' April 2012.
[3] Huwa xehed waqt l-udjenza tad-19 ta' April 2012.

ma zammx a proper lookout qabel ma ttenta johrog fuq Triq is-Santwarju kif kien obligat li jaghmel u jammonta ghal sewqan traskurat u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti.

L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat qed jinstab hati ta’ sewqan traskurat izda mhux ta’ sewqan perikoluz u kkunsidrat ukoll il-fatt li waqt it-trattazzjoni finali l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma’ kienx qed jinsisti ghal sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tal-15 ta’ Frar 2012 b’mod partikolari l-Artikolu 226(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ seba’ mitt Ewro (€700).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------